**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

Rikors Revoka 122/24

Wara l-mandat 63/24 fl-ismijiet:

**Kimberlyn Decelis**
**-vs-**
**Jonathan Attard**

**Seduta tal-Hamis 11 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ipprezentat fit-12 ta' Gunju 2024 minn Jonathan Attard (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent sekwestrat");

Rat li l-intimata Kimberlyn Decelis (minn issa 'l quddiem "l-intimata sekwestranta"), ma ppresentat ebda risposta;

Rat l-atti kollha tar-rikors.

**Il-Fatti:**

Illi jirrizulta li l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' kura w kustodja ta' minuri[1]; fil-mori ta' liema l-intimata sekwestranta intavolat fost ohrajn, il-mandat bin-numru 63/24 ghall-ammont ta' tletin elf ewro (€40,000) sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha tal-manteniment dovuti lilha ghall-minuri kif dedotti fil-kawza prezentata kontestwalment quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 92/24AGV fl-ismijiet premessi.

Illi fil-proceduri odjerni r-rikorrent sekwestrat qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ghax jikkontendi li prima facie l-Mandat mhuwiex gustifikat u/jew eccessiv u li mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat odjern, u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12.

L-intimata sekwestranta qieghda tilqa' ghall-imsemmija talbiet tar-rikorrent sekwestrat billi ssostni li fi proċedura bhal din, il-Qorti hija mistennija li taghmel biss ezami prima facie u li ma ghandhiex tidhol fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, u dan fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikors in ezami sar fit-termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 li jaghti l-fakultà lil kull min jinhareg kontra tieghu mandat kawtelatorju, jitlob lill-Qorti l-hrug ta' l-opportun kontro-mandat f'ċerti ċirkostanzi determinati.

[1] Rik. Gur. 92/24 fl-ismijiet premessi

***836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor that dan il-Kodiċi jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*[…omississ…]*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eċċessiv;*

*[…omississ…]*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*

Fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex l-istharrig li hija obbligata taghmel huwa wiehed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 12; filwaqt li l-mertu jigi mistharreg u determinat fil-kawza proprja dwar il-mertu.

Kif gie ritenut fil-provvediment finali moghti fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et**: "mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm

limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."[2]

Illi gie ritenut ukoll mill-Qrati taghna illi: "Ezami prima facie huwa wiehed preliminari, mhux fil-fond u dak li jirrizulta mad-daqqa ta' ghajn".[3]

Illi gie ritenut ukoll mill-Qrati taghna illi: "L-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwistjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet u li wasslu ghall-hrug tal-Mandat".[4]

"Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna ghandha jedd li thares l-interessi taghha sakemm id-dritt sostantiv taghha jigi determinat definittivament.

Il-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taht l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'ghandhiex tigi kkunsidrata bhala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tieghu ntlaqa' l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaza l-azzjoni tieghu sabiex jitnehha l-mandat, fost dawn wiehed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-ghoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat.

[2] Ara f'dan is-sens id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Emmanuel Balzan vs. Francelle Agius**, Prim'Awla, deciza fis-16 ta' Frar 2015, **More Supermarkets (Hamrun) Limited et vs. Alexander Farrugia et**, Prim'Awla, deciza fil-5 ta' Frar 2015, **Carmelo Abdilla vs. Autosales Limited**, Prim'Awla, deciza fis-17 ta' Mejju 2011 u **Emanuel Sammut vs. Josephine Sammut**, Prim'Awla, deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

[3] Prim'Awla, deciza fid-9 ta' Dicembru 2014, fl-ismijiet **V.G. Tiles Company Limited et. vs. Sier & Sons Limited et.**

[4] Prim'Awla, deciza fil-25 t'Awwissu 2010 fl-ismijiet **Francis Spiteri et vs. Charles Darmanin et**

Il-legislatur ried jaċċerta ruhu ghalhekk illi jekk il-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dan ikun jista' jitnehha permezz ta' kontro-mandat.

Min-naha l-ohra jekk s-sekwestrat ikun irid jikkontesta il-hrug tal-mandat kawtelatorju ghal xi raguni li ma taqax taht dak li jipprovdi l-Artikolu 836 allura huwa ghandu jistitwixxi azzjoni b'rikors guramentat u li mis-sentenza in segwietu ghal dak ir-rikors jista' jsir appell." [5]

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment:</u>**

<u>L-Artikolu 836(1)(d)</u>

Fl-ewwel lok tajjeb jigi ribadit illi il-proċedura odjerna hija wahda sommarja intiza unikament mhux sabiex il-Qorti tiddeċiedi min ghandu ragun fil-mertu; izda biss sabiex fejn tezisti xi wahda miċ-ċirkostanzi imsemmija fl-artikolu 836 il-Qorti tkun tista' tirrevoka l-mandat kawtelatorju minghajr il-htiega li tigi intavolata kawza.

Meta l-ligi tadopera l-frazi "jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eċċessiv;" ma jfissirx li l-Qorti adita minn rikors taht l-Artikou 836 jehtigilha tgharbel il-mertu tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet. Sabiex mad-daqqa t'ghajn ammont mitlub jidher mill-ewwel mhux gustifikat iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali illi juru prattikament abbuz mill-proċedura gudizzjarja.

[5] Qorti tal-Familja deciza fis-26 t'Ottubru 2021 fl-ismijiet **Glenn Tavilla vs. Stefania Tavilla**

Illi jirrizulta li meta l-intimata sekwestranta intavolat il-mandat ta' sekwestru fil-konfront tar-rikorrenti sekwestrat fis-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) hija naqqset milli thejji prospett dettaljat ta' dik li hija l-pretensjoni taghha u tipprova tilqa' ghal dan bil-fatt li hija intavolat rikors ghall-manteniment fil-mori tal-kawza, ma' liema annettiet prospett dettaljat tal-ispejjez li qed tinkorri, kif ukoll issostni illi l-ammont minnha mitlub fil-mandat huwa konservattiv.

Illi jirrizulta mis-sottomissjonijiet tar-rikorrent sekwestrat li huwa mhux jaqbel mal-pretensjonijiet li n-naha l-ohra qieghda tivvanta, u jikkontendi illi l-ammont ma hux prima facie gustifikat u konsegwentement jitlob li l-mandat ghandu jigi revokat.

Illi minn dak li rat din il-Qorti fl-atti, jirrizulta li certament meta ntalab il-hrug tal-mandat ta' sekwestru is-sekwestranti prima facie kellha pretensjoni legali fil-konfront tas-sekwestrat. Ghalkemm l-ezami dwar jekk tali pretensjoni hiex finalment fondata o meno irid isir b'mod finali mas-sentenza tal-kawza ta' bejn il-kontendenti, irid jinghad li mis-sottomissjonijiet mressqa mill-intimata sekwestranta jirrizulta li hija bbazat "il-pretensjonijiet taghha ta' manteniment dovut lilha kif dedotti fil-kawza prezentata kontestwalment".

Illi minn dak li rat din il-Qorti fl-atti jirrizulta li certament meta ntalab il-hrug tal-mandat ta' sekwestru is-sekwestranti prima facie kellha pretensjoni legali fil-konfront tas-sekwestrat, filwaqt li l-ezami dwar jekk tali pretensjoni hiex finalment fondata jew le bejn il-partijiet ma jaqax fil-kompitu ta' din il-Qorti izda jaqa' fil-poteri tal-Qorti tal-Familja li ser tiddeciedi definittivament il-kawza ta' separazzjoni tal-partijiet.

Minn ezami ta' dawn l-aggravji huwa mill-ewwel evidenti illi dawn iridu jigu mistharrga f'kawza u mhux fi process sommarju bhal dak odjern. Jekk l-ammont

kawtelat hux fondat jispetta lill-Qorti adita mill-kawza fil-mertu li tiddeciedi dwaru.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talba msejsa fuq l-Artikolu 836 (1)(d) ma hiex gustifikata u qed tigi respinta.

<u>L-Artikolu 836(1)(f)</u>

Kif stabbilit f'diversi istanzi mill-Qrati taghna, fosthom fil-provvediment fl-ismijiet **Mark Alexander Bugeja vs ARC Studio Limited et**, moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-16 ta' Marzu, 2022: "Din il-kawżali tidħol fix-xena biss fejn ikollok waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li tkun teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, iżda li ma tibqax hekk teżisti wara l-ħruġ tal-mandat. Dak li jgħodd għalhekk biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għal kollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmi artikolu 836(1)(f), liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ[6].

Minn ezami tal-atti jirrizulta illi dan mhux il-kaz u ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talba msejsa fuq l-Artikolu 836(1)(f) mhix gustifikata u qed tigi respinta.

Ghalhekk, filwaqt illi l-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-ammont issekwestrat, madankollu dan jidher gustifikat mad-daqqa t'ghajn, ghalkemm f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tidhol fil-kwantifikazzjoni u l-korrettezza tieghu. Is-somma ta'

[6] Ara **Ivan John Debono v. Antoine Vella**, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021

erbghin elf Ewro divizi fuq medda ta' tlittax-il sena jammontaw ghal manteniment ta' madwar €250 fix-xahar, li huwa ammont komunement likwidat minn din il-Qorti. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi. Il-Qorti ghad trid tara x'inhuma l-mezzi tal-partijiet, x'inhuma l-ispejjez inkorsi ghat-trobbija tal-minuri, kienx hemm pagamenti mir-rikorrenti sekwestrat tul dan iz-zmien, taht forma jew ohra, u diversi provi ohra. F'dan l-istadju l-Qorti ghandha biss tara jekk *prima facie* din it-talba ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju kienetx wahda gustifikata w ragonevoli, u l-Qorti hi tal-fehma li, pendent l-proceduri li qed jinstemghu minn din il-Qorti, it-talba ghall-mandat hija wahda entro t-termini tal-ligi.

Ghalhekk il-Qorti sejra tirrespingi t-talba tar-rikorrenti sekwestrat.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TICHAD ir-rikors ta' Jonathan Attard.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**